Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8360 — Imerys/Kerneos)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 157/12)

1. Fit-12 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Imerys SA (Franza) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-impriża Kerneos S.A. kollha kemm hi (Franza) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Imerys SA: kumpanija tax-xogħol fil-minjieri multinazzjonali li topera f'erba' gruppi tan-negozju: (i) soluzzjonijiet ta' enerġija u speċjaltajiet; (ii) filtrazzjoni u addittivi tal-prestazzjoni, (iii) materjali taċ-ċeramika; u (iv) minerali ta' reżistenza għolja

— għal Kerneos SA: produttur u fornitur dinji ta' siment speċjali għal firxa wiesgħa ta' setturi, b'mod partikolari s-settur tal-kimika tal-bini u s-settur refrattorju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8360 — Imerys/Kerneos, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").